Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2010

Numru. 490/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**George Galea**

**Illum, 4 ta’ Awissu 2010**

**Kumpilazzoni Numru: 490/2008**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi George Galea, ta’ 36 sena, iben George u Evelyn nee’ Urry, imwieled nhar l-20 ta’ Settembru, 1971 u residenti fil-fond numru 17, Triq

Xandru Farrugia Tarxien u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 499671 (M).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fil-lejl ta’ bejn is-26 u 27 ta’ Mejju, 2008 ghal habta ta’ l-erbgha ta’ filghodu (4:00am) gewwa l-istabiliment maghruf bhala ‘Browns’ sitwat fi Triq San Gorg, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta’ natura gravi fil-gisem ta’ Joseph Falzon.
2. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbl;iku, bl-ghajjat u bil-glied.

Il-Qorti giet mitluba illi f’kaz ta’ htija tipprovdi ghal garanzija ta’ Joseph Falzon skond artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahub f’l-artikoli 214, 216 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni lil l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jitratta incident li sehh fil-lejl bejn is-26 u 27 ta’ Mejju 2008 f’nightclub jismu Browns f’Paceville f’liema incident l-imputat soffra griehi ta’ natura gravi.

Illi skond il-parte leza, Joseph Falzon, fil-lejl in kwistjoni hu, flimkien ma’ xi familjari u hbieb, kien qieghed ghand Browns. F’xi hin Falzon offra drink lil tfajla li kienet mal-bar pero malli ghamel hekk mar wiehed mis-security guards fuqu, qabdu minn idu, dawwarhielu wara daru u mexxih ‘l barra; malli hargu barra dan is-security guard tah daqqa

f’wiccu b’l-irkoppa u bid-daqqa Falzon waqa ma’l-art u ma jiftakar xejn aktar ghaliex meta rega gie f’sensih kien l-isptar; hu jghid li dan is-security guard kien l-imputat. Hu Joseph Falzon (Michael Falzon) ra l-incident kwazi f’l-intier tieghu u kkorabora dak kollu li qal huh; anzi dan Michael Falzon zied jghid li wara li l-imputat tah daqqa b’l-irkoppa lil huh, tah anke daqqiet ta’ sieq.

Illi l-hbieb u l-familjari l-ohra ta’ Joseph Falzon li kienu mieghu u li taw x-xhieda taghhom f’dawn il-proceduri ma kienux ezattament hdejn il-parte leza meta gara l-incident u mhux kollha raw l-incident pero tnejn minnhom (Leander Attard u Kevin Briffa) raw lill-imputat johrog lill-parte leza ‘l barra u qalu li malli s-security guard hareg lil Falzon barra “inqala panic” ghalhekk huma hargu barru u raw lil Joseph Falzon ma’l-art kollu demm.

Illi l-imputat xehed; hu pero jinnega l-involviment tieghu f’dan l-akkadut. Huwa jghid li fil-gurnata in ezami hu kien assenjat bhala security guard ma’ klient partikolari, certu Marcus, u ghalkemm kien hemm hin meta kellu johrog xi klient iehor (mhux Joseph Falzon) li kien qed itajjar il-kontenut tal-flixkun tax-xorb li kellu f’idejh, hu (cioe l-imputat) jikkontesta l-fatt li kellu xi kuntrast ma’ Falzon. Anzi l-imputat jghid li meta hu hareg lill-dak il-klient li kien qed ixarrab lin-nies, tqabad mieghu u tqattghulu l-flok u z-zarbun ghalhekk immedjatament wara dahal f’l-ufficju biex ibiddel u jsewwi z-zarbun; meta lesta, wara xi nofs siegha, hareg mill-ufficju u fil-hin li hareg ra ragel ma’l-art taht il-bankina fejn il-bieb ta’ Brown’s, hareg sa hdejn it-tarag ta’ Brown’s saqsa lis-security l-iehor kellux bzonn xi haga u rega’ mar hdejn Marcus. L-imputat zied jghid li lill-parte leza hu mhux biss qatt ma kellu incident mieghu imma qatt ma rah.

Illi d-difieza ressqet zewg xhieda ohra, Kenneth Debattista u Raymond Sciberras. Kenneth Debattista huwa l-manager ta’ Brown’s. Dan ukoll jirrakkonta li fil-gurnata in kwistjoni kien hemm dan il-klient Marcus u li l-imputat, li kien liebes l-uniformi tas-security guards, kellu struzzjonijiet biex joqghod ma’ dan Marcus. L-imputat pero f’xi hin kellu johrog xi klient ‘l barra, tqattghulu l-flok

ta'l-uniformi u z-zarbun ghalhekk marru flimkien f'l-ufficju biex l-imputat ibiddel l-flok u jsewwu z-zarbun; hargu flimkien mill-ufficju u ndunaw li kien hemm persuna ma'l-art barra; hargu barra flimkien, bdew jistaqsu x'gara pero hadd ma kien jaf; xi staff ta' Brown's gab is-silg u giet l-ambulanza. Debattista jghid ukoll li tul dan il-hin kollu li l-imputat kien mieghu l-klient Marcus kien wahdu gewwa fis-sens li ma kellux guards mieghu.

Illi f'dawn iz-zewg rakkonti hawn diversi kuntrasti fis-sens li l-imputat f'l-ebda hin ma jghid li Debattista kien mieghu anzi hu jimplika li minn meta kellu johrog dak il-klient 'l barra sa kemm rega' hareg mill-ufficju u rega mar hdejn Marcus kien wahdu. Mhux hekk biss l-imputat jghid li meta hareg mill-ufficju sempliciment mar sat-tarag kellem security guard iehor u rega mar hdejn Marcus, min-naha l-ohra Debattista jghid li kienu flimkien, marru barra, kellmu nies hemm barra, ingieb is-silg lahqet giet l-ambulanza ecc.

Illi Raymond Sciberras, ix-xhud l-iehor in difeza, min-naha l-ohra jghid li dak in-nhar l-imputat kellu joqghod xoghol ma' dan il-klient Marcus u ma kienx liebes l-uniformi ghaliex min ikun xoghol ma' Marcus mhux b'l-unifomi jkun. Sciberras kompla jirrakkonta li l-imputat kellu johrog lil xi hadd 'l barra u fit-taqbieda li kien hemm bejniethom tqattghulu l-flok u z-zarbun ghalhekk meta dahal lura l-imputat qal lix-xhud biex joqghod ma' Marcus sakemm imur ibiddel. Meta l-imputat gie lura baqa ma' Marcus u x-xhud u Kenneth hargu barra biex jaraw x'kien qed jigri ghax kien inqala xi haga barra. Sciberras ikompli jghid li f'xi hin l-imputat gie barra hdejh u staqsa x'gara u mar lura hdejn Marcus "ghax dak hadd ma kien jitilqu".

Illi din il-verzjoni tikkontrasta mhux biss dik ta' l-imputat imma anke tax-xhud liehor Kenneth Debattista f'l-aspetti kollha taghha.

Illi fil-fatt mill-provi tad-difieza jirrizultaw verzjonijiet differenti dwar x'kien liebes l-imputat: min jghid li l-imputat kien liebes l-uniformi u min jghid lil le ghax min joqghod ma Marcus ma' jilbisx l-uniformi; verzjonijiet differenti dwar

meta hareg lil dak il-klient barra u sakemm dam l-ufficju, Marcus kienx wahdu jew le: l-imputat jghid li Marcus kien wahdu fil-waqt li x-xhud Sciberras jghid li l-imputat talbu joqghod mieghu sa kemm ibiddel; verzjonijiet differenti dwar jekk l-imputat marx ibiddel l-flok u jsewwi z-zarbun wahdu jew ma Kenneth Debattista: l-imputat ma jsemmihx lil Debattista dan fil-fatt jghid li kien mieghu; u dwar jekk meta l-imputat hareg mill-ufficju regghax mar hdejn Marcus jew mar barra ma Kenneth.

Illi naturalment l-Qorti ma tistax ma tikkummenntax dwar dan il-klient Marcus. Dan suppost huwa xi klient li jippretendi li ghandu jkollu security guards mieghu l-hin kollu ghaliex (ghalkemm hu jmur f'nightclubs) idejjquh in-nies tant li l-manager jipprovdih b'zewg security guards u "ma jitilquh qatt"; in oltre intqal li Marcus ikun irid lill-imputat mieghu. Dak in-nhar pero mhux biss jidher li l-imputat wahdu (u mhux ma xi kollega iehor tieghu) kien qieghed "xoghol" ma' Marcus imma meta kien hemm bzonn li jinhareg xi klient barra ma giex xi security guard iehor biex johrog lil dan il-klient; minflok l-imputat telaq lil Marcus wahdu (ghalkemm dan ma jitilqu hadd) sa kemm hareg lill-klient u mar ibiddel.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet  migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali huma dawk ta griehi gravi volontarji u ksur tal-paci u buon ordni publiku.

Illi kif jirrizulta mill-ezami tal-provi hemm kunflitt bejn il-verzjoni tal-parte leza u dik mghotija mill-imputat. Pero huwa ben stabbiliet fil-gurisprudenza taghna li mhux kull kunflitt necessarjament ghandu jwassal ghal liberatorja purche l-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tista' taghti kredibilita lil verzjoni wahda jew xi parti minnha.

Illi l-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha prodotti u tenut kont tad-divergenzi li hemm fid-depozizzjonijet ta'l-imputat u x-xhieda prodotti in difeza, liema divergenzi jimpingu fuq

il-kredibilita taghhom, hija konvinta li l-affarijiet graw kif irrakkonta l-parte leza u li konsegwentement kien l-imputat li aggredih u kkawzalu l-griehi li huwa soffra u li konsegwentement l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sitt xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A ta'l-istess Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tmintax il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------